**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs.**

**Lineker David Micallef**

Numru 766/2011

Illum 20 ta' Jannar 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Lineker David Micallef** detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 196887(M), akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-3 ta' Lulju 2006 u matul l-ahhar xhur qabel din id-data:

1. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.

292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew jforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. ittanta jaghmel reat (traffikar ta' droga herojina) kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), jew hajjar jew gieghel persuna ohra taghmel dak ir-reat;

3. kellu fil-pussess tieghu id-droga herojina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), liema droga kienet fil-pussess tieghu mhux ghall-uzu esklussiv tieghu;

4. kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

5. ikkommetta reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar il-25 ta' Mejju 2004 mill-Magistrat Dott. C. Scerri Herrera LL.D., liema decizjoni saret definittiva;

6. sar recidiv wara sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar il-25 ta' Mejju 2004 mill-Magistrat Dott. C. Scerri Herrera LL.D., liema decizjoni saret definittiva;

7. kiser kundizzjoni moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-24 ta' Gunju 2003 mill-Magistrat Dott. S. Demicoli LL.D., liema decizjoni saret definittiva.

Il-Qorti giet mitluba, sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali datat 27 ta' Gunju 2011 *ai termini* tal-Artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) (*a fol.* 12).

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 164) datata 8 ta' Frar 2013 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 28A, 28B u 28C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikoli 7, 21, 22, 23 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-Artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tas-16 ta' Lulju 2013 (*a fol.* 168), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-8 ta' Frar 2013 (*a fol.* 164), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 190 *et seq.*).

Rat illi, fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 195), il-Prosekuzzjoni u d-difiza ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat illi, fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2015 (*a fol.* 179), il-Prosekuzzjoni rrimettiet ruhha dak li jirrizulta mill-atti processwali.

Rat illi, fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2015, id-difiza ghamlet is-sottomissjonijiet finali taghha bil-fomm (*a fol.* 187 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2011, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Pierre Grech** (*a fol.* 16 *et seq.*) fejn spjega li fit-3 ta' Lulju 2006 wara nofsinhar il-Pulizija tas-CID innutaw persuna riekeb mutur u giehom suspett li l-mutur kien misruq. Jghid li dan il-persuna gie mwaqqaf u rrizulta li kien certu Dennis Cilia li stqarr li kien gie mibghut minn certu Lineker sabiex jiltaqa' ma' terza persuna bl-isem ta' Toni li kellu jghaddielu, bejn wiehed u iehor, erba' (4) grammi eroina li hu (Cilia) kellu jghaddiehom lil Lineker. Jghid li Cilia rrilaxxa zewg stqarrijiet li gew konfermati bil-gurament quddiem il-Magistrat Dr. Antonio Mizzi. Jghid li gie nfurmat li gie arrestat l-imputat li saret riferenza ghalih fl-istqarrija ta' Cilia u li l-imputat cahad li hu qatt biegh id-droga pero ammetta li huwa juza d-droga. Ipprezenta zewg sentenzi li gew immarkati bhala Dok. "PG" (*a fol.* 21 *et seq.*) u "PG 1" (*a fol.* 30 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li ma jidhirlux li dak iz-zmien li Cilia ghamel riferenza ghall-imputat l-imputat kien qed jiskonta piena karcerarja effettiva. Jikkonferma li fil-prezent (meta kien qed isir il-kontro-ezami) l-imputat kien jinsab il-habs pero ma jafx jekk kienx taht arrest jew jekk kienx qed jiskonta piena.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2011, gie ezebit vera kopja tal-*Proces Verbal* li jikkontjeni tal-iStqarrija Guramentata rilaxxata minn Dennis Cilia fil-5 ta' Lulju 2006 quddiem il-Magistrat Dr. Antonio Mizzi, li giet immarkata bhala Dok. "BM" (*a fol.* 33 *et seq.*).[1]

[1] Fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2013 giet ezebit vera kopja <u>kompluta</u> tal-*Proces Verbal* imsemmi (*a fol.* 128 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2012, xehed **PS 90 Jeffrey Gerada** (*a fol.* 76 *et seq.*) fejn spjega li fl-4 ta' Lulju 2006 kien flimkien ma' PC 1247 fil-Qawra fejn gie mwaqqaf Dennis Cilia li kien b'mutur. Jghid li Cilia mal-ewwel infurmahom li l-mutur ma kienx misruq u li kien tahulu certu Lineker David Micallef. Jghid li meta Cilia gie mitkellem mill-iSpettur Michael Mallia, Cilia stqarr li kien sejjer biex jixtri d-droga ghal Lineker *"u mbaghad ovvjament jaghtih biex jinqeda hu stess"* (*a fol.* 76). Huwa kkonferma z-zewg stqarrijiet li gew rilaxxati mill-imputat u li jinsabu fil-*Proces Verbal* tax-Xhieda Guramentata li nstemghet mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi (*a fol.* 33 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li ilu is-CID mis-sena 2002 u jghid ukoll li huwa jaf lil Dennis Cilia peress li kellu kaz ta' serq maghhom. Jghid li Cilia qalilhom li Lineker kien tah il-mutur biex hu (Cilia) imur jixtrilu d-droga (lil Lineker). Jghid li t-tfittxija li saret fuq Cilia rrizultat fin-negattiv. Jghid li Cilia qal li Lineker kien ihallsu billi jaghtih id-droga.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2012, xehdet **Erica Vella** (*a fol.* 80 *et seq.*) fejn qalet li ghamlet sena u nofs tohrog ma' Dennis Cilia madwar sitt snin qabel. Tghid li lil Lineker ma tafux. Tghid li meta skopriet li Cilia kien jisraq, hi ma baqghetx tiltaqa' aktar mieghu. Tixhed li Cilia kellu l-vizzju tad-droga u tghid li Cilia qalilha li kien jiehu l-eroina. Tghid li hi qatt ma kienet tkun ma' Cilia meta kien jixtri d-droga u li Cilia qatt ma qalilha minn fejn kien jixtri d-droga peress li hi qatt ma staqsietu.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li l-ahhar li kellimha Cilia kien meta cemplilha u heddidha. Tghid li Cilia ma qalilha xejn fuq Lineker Micallef.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Lulju 2012, xehed l-**iSpettur Michael Mallia** (*a fol.* 91 *et seq.*) fejn spjega li meta beda jinvestiga lil Dennis Cilia rrizultalu li dan kien qed isuq mutur misruq u li Cilia kien spjega li dan il-mutur kien sellifulu l-imputat. Jghid li Cilia spjega li b'dan il-mutur kien jaghmel xi qadi lill-imputat.

Jghid li kien sar konfront bejn Cilia u l-imputat. Jghid li Cilia spjega li kien ilu madwar sentejn jixtri d-droga b'mod regolari mill-imputat. Jghid li dakinhar li Cilia gie arrestat rigward il-mutur misruq, Cilia kien qallu li dakinhar kien baghtu l-imputat biex igiblu xi droga minn ghand xi hadd. Ikkonferma l-*Proces Verbal* tax-Xhieda Guramentata li nstemghet mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi (*a fol.* 33 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li Cilia tressaq il-Qorti akkuzat bir-reat ta' serq.

L-i**Spettur Michael Mallia** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-31 ta' Awwissu 2012 (*a fol.* 99 *et seq.*) fejn spega biex gie akkuzat Dennis Cilia u x'wehel. Jghid l-imputat kien tressaq ukoll il-Qorti u l-kaz tieghu gie deciza fit-13 ta' Lulju 2010. Jghid li l-kaz tal-imputat kien jirrigwarda serqa minn go vettura, ricettazzjoni, recidiva u ksur ta' sentenza sospiza fejn kien instab hati ta' serq u kien wehel seba' xhur prigunerija effettiva. Jghid li s-sentenza nghatat mill-Magistrat Dr. Giovanni Grixti.

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Awwissu 2012, xehed **Dennis Cilia** (*a fol.* 101) fejn beda billi qal li ma kienx lest li jixhed peress li kien taht il-kura ta' zewg psikjatri. Ezebixxa certifikat li gie mmarkat bhala Dok. "DC" (*a fol.* 103).

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2012, xehed **Dr. Joseph Spiteri** (*a fol.* 122 *et seq.*) fejn qal li Dennis Cilia kien ilu taht il-kura tieghu ghal numru ta' snin. Jghid li llum il-gurnata l-istat mentali ta' Cilia huwa kkontrollat tajjeb u huwa wiehed stabbli. Jghid li Cilia kellu problemi serji fejn tidhol id-droga u kif ukoll fejn jidhlu l-hsibijiet tieghu. Jghid li l-imputat kellu hsibijiet ta' deluzjonijiet dawk li jissejhu bhala *false beliefs* u jista' jkun paranojku fis-sens li jahseb li n-nies huma kontra tieghu jew qed isegwuh. Jghid li jkun ukoll *depressed* u li jkollu hsibijiet li jixtieq imut. Fir-rigward tal-*false beliefs* jghid li dawn huma hsibijiet li ma jezistux. Ghad-domanda: *"Jista' jemmen ukoll dan l-istess haga fuq xi hadd li hu habib tieghu?"* (*a fol.* 124), wiegeb:

*"X'aktarx iva"* (*a fol.* 124). Ghad-domanda: *"Jista' jemmen per ezempju li xi hadd ghaddielu d-droga?"* (*a fol.* 124), wiegeb: *"Iva wkoll"* (*a fol.* 124). Jghid li persuna bhal dan ikun jemmen f'hekk ghalkemm ma jkunx veru.

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2013, gie ezebit vera kopja tal-*Proces Verbal* li jikkontjeni tal-iStqarrija Guramentata rilaxxata minn Dennis Cilia fil-5 ta' Lulju 2006 quddiem il-Magistrat Dr. Antonio Mizzi (*a fol.* 128 *et seq.*), li hija l-kopja <u>kompluta</u>.

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2012, xehed **Dennis Cilia** (*a fol.* 154 *et seq.*) fejn spjega li f'Lulju 2006 kien gie mwaqqaf mill-Pulizija u gie nterrogat. Jiftakar li kien irrilaxxa stqarrija u ma jiftakarx li kien mar Magistrat id-Depot jew li kien mar il-Qorti. Huwa kkonferma l-kontenut tal-istqarrija rilaxxata minnu (*a fol.* 137 *et seq.*) fejn qal is-segwenti. Ikkonferma li l-imputat ghaddielu l-mutur in kwistjoni u dana minkejja li l-imputat cahad dan. Ikkonferma li l-imputat kien baghtu jaqdih fis-sens li jnewwillu xi droga minn ghand persuna bl-isem ta' Toni li kellu jitlaqa' mieghu (ma' Cilia). Jghid li huwa (Cilia) ma kien ser jaghmel l-ebda hlas lil Toni peress li ma' Toni kien ftiehem l-imputat. Jghid li d-droga kellha tkun dik eroina u li din kienet l-ewwel darba li l-imputat baghtu jgiblu xi droga minn ghand xi hadd. Jghid li l-bicca l-kbira hu (Cilia) jixtri d-droga minn ghand l-imputat. Jghid li l-imputat kien ser jaghtih pakkett zghir eroina talli kien ser igorlu d-droga minn ghand Toni. Jghid li meta jixtri l-eroina minn ghand l-imputat, is-soltu jhallsu bil-flus, bejn seba' u ghaxar liri ta' pakkett. Jghid li minn ghand l-imputat jixtri madwar pakkett eroina fil-gimgha. Jghid li ilu jixtri l-eroina minn ghand l-imputat ghal madwar sentejn. Jispjega li biex jixtri l-eroina minn ghand l-imputat, hu (Cilia) kien icempel lill-imputat. Jghid li hafna drabi kien l-imputat li kien icempillu u jghidlu li kellu l-eroina tajba biex ihajjru jixtri. Jghid li t-tfajla tieghu Erica Vella tkun tista' tikkonferma li huwa jixtri d-droga minn ghand l-imputat peress li hafna drabi kienet tkun mieghu meta jcempel lill-imputat u jmur jixtri d-droga minn ghandu. Jghid li normalment jiltaqa' mal-imputat

Birkirkara biex ibiegħlu d-droga. Jgħid li l-imputat gie li heddu. Jgħid li kien certu Cej Cej li kien qabbdu mal-imputat.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2015, xehed l-imputat **Lineker David Micallef** (*a fol.* 180 *et seq.*) fejn qal li kien dipendenti fuq id-droga u li jaf lil Cilia fuq fuq u li l-intenzjoni tiegħu (ta' Cilia) hija waħda ta' għira jew vendikazzjoni. Jgħid li dak iz-zmien ma kienx ibiegħ id-droga pero kien jeħodha. Jgħid li meta l-Pulizija għamlu tfittxija fuqu ma sabulux droga u anqas flus pero jgħid li sabulu biss *stereo* misruq u spicca tressaq il-Qorti fuq hekk. Jgħid li ma jafx għala Cilia għamel l-istqarrija li għamel.

In <u>kontro-ezami</u> jgħid li lil Dennis Cilia huwa jafu għax kienu jkunu gol-ħanut *Billiards Hall* fil-Mosta. Jgħid li huwa jaf li Cilia huwa bniedem mentali u li hu jieħu d-droga agħar minnu (minn Micallef). Jgħid li dejjem hu (Micallef) mar jixtri d-droga u li lil Cilia gie li kellmu ta' fuq fuq u li lanqas biss kien jaf x'jismu. Jgħid li hu (Micallef) għandu vettura Kia. Jgħid li huwa jaf jarma *stereo* u huwa dilettant tal-muzika. Jgħid li kellu *mobile* u, mistoqsi jgħid in-numru, jgħid li ma jiftakrux. Jgħid li, jekk mhux sejjer zball, in-numru kien 99 40 04 62. Jgħid li jaf li l-laqam ta' Cilia huwa *"Il-Lorry"*. Jgħid li Cilia kellu Renault bajda Clio. Jgħid li lil Cilia qatt ma taħ *lift* u qatt ma rikeb miegħu. Jgħid: *"Dan kull ma ltqajna jigifieri gie li ltqajna għal methadone u gie li ltqajna go dan il-ħanut hemmhekk"* (*a fol.* 185).

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'numru ta' imputazzjonijiet: taħt l-ewwel erba' (4) imputazzjonijiet, l-imputat qed jigi akkuzat b'imputazzjonijiet relatati ma' droga, fil-ħames (5) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kkommetta reat waqt perjodu operativ ta' sentenza sospiza, fis-sitt (6) imputazzjoni qed jigi akkuzat bir-recidiva u fis-seba' (7) imputazzjoni qed jigi akkuzat li kiser kondizzjoni mogħtija lilu mill-Qorti kif diversament preseduta.

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a*

*man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota li fi kwistjonijiet bhal dawk li jemergu f'dawn il-proceduri dejjem se ssib verzjonijiet kunfliggenti u dak li jkun jaghmel minn kollox sabiex inehhi d-dell minn fuqu u jitfa' d-dubju fuq il-parti li tkun qed takkuzah. *Di fatti*, f'dan il-kaz, il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet opposti ossia dik tax-xhud Dennis Cilia, li jghid li ghamel zmien konsiderevoli jixtri d-droga minn ghand l-imputat u dik tal-istess imputat li, filwaqt li jammetti li kien jaghmel uzu tad-droga, jinnega dak li qal Dennis Cilia. Il-Prosekuzzjoni tibbaza l-kaz taghha b'mod partikolari fuq ix-xhieda moghtija minn Dennis Cilia li kkonferma bil-gurament l-istqarrija rilaxxata minnu quddiem Magistrat.

Illi kollox jiddependi fuq il-kwistjoni tal-kredibilita` li ghandha tinghata lix-xhud ewleni tal-Prosekuzzjoni *ossia* Dennis Cilia, li huwa kategoriku meta jghid li kien jixtri d-droga minn ghand l-imputat.

Illi skond l-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. Apparti minn dan, il-Qorti tinnota li mhux kull kunflitt fil-provi bilfors ghandu jwassal ghal-liberatorja, izda l-Qorti ghandha taghmel l-apprezzament taghha fl-isfond tal-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali. *Di fatti*, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Thorne**, moghtija fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet hekk:

> "mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux".

Illi Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> "L-eccezzjonijiet dwar wahda jew ohra mir-ragunijiet imsemmijin fl-Artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-decizjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz".

Illi l-Qorti hija ben konxja tal-fatt li Dennis Cilia kkonferma bil-gurament fil-Qorti dak li huwa kien ikkonferma bil-gurament quddiem il-Magistrat. Dan wahdu u mehud in izolament ma ghandux iwassal ghal prova li effettivament dak li qal Cilia huwa bilfors minnu. Minkejja li l-Qorti kif preseduta ma semghetx ix-xhieda f'dawn il-proceduri, il-Qorti hadet konjizzjoni ta' dak li jiddisponi Artikolu 637 imsemmi hawn fuq fis-sens li hadet in konsiderazzjoni d-depozizzjoni ta' Dennis Cilia u l-imputat u jekk ix-xiehda moghtija minnhom kienitx wahda konsistenti jew kienitx imsahha minn xiehda ohra. Kemm Dennis Cilia u kif ukoll l-imputat kienu konsistenti f'dak li xehdu u l-ebda wiehed minnhom ma ezista jikkonferma dak li huwa kien qed jixhed. Dan ma tantx jghin l-ezercizzju li trid taghmel il-Qorti skond il-ligi meta rinfaccajta b'zewg depozizzjonijiet konfliggenti bhal ma jezisti fil-kaz odjern.

Illi, apparti minn dak li nghad hawn fuq, il-Qorti tinnota wkoll li l-atti processwali jikkontjenu d-depozizzjonijiet ta' Erica Vella u Dr. Joseph Spiteri. Il-Qorti tinnota wkoll is-segwenti:

- Minkejja li, *da parte* tieghu, Dennis Cilia jghid li Erica Vella tkun tista' tikkonferma li huwa kien jixtri d-droga minn ghand l-imputat peress li hafna drabi kienet tkun mieghu meta jcempel lill-imputat u jmur jixtri d-droga minn ghandu, meta Erica Vella xehdet quddiem il-Qorti hija qalet li lill-imputat ma tafux. Hija tghid li qatt ma kienet tkun ma' Cilia meta kien jixtri d-droga u li l-istess Cilia qatt ma qalilha minn fejn kien jixtri d-droga peress li hi qatt ma staqsietu.

- Apparti l-fatt li meta Dennis Cilia ha l-pedana tax-xhieda l-ewwel darba huwa qal li ma kienx lest li jixhed peress li kien taht il-kura ta' zewg psikjatri u ezebixxa certifikat li gie mmarkat bhala Dok. "DC" (*a fol.* 103) u apparti l-kontenut ta' dan ic-certifikat, meta Dr. Joseph Spiteri xehed quddiem il-Qorti huwa xehed rigward il-problemi serji li kellu Dennis Cilia fejn tidhol id-droga u kif ukoll fejn jidhlu l-hsibijiet tieghu. Jispjega li kien hemm zmien fejn Cilia kellu hsibijiet ta' deluzjonijiet u kien ikollu hsibijiet li ma jezistux u dana apparti l-fatt li kien ikun paranojku. Ghad-domanda: *"Jista' jemmen ukoll dan l-istess haga fuq xi hadd li hu habib tieghu?"* (*a fol.* 124), wiegeb: *"X'aktarx iva"* (*a fol.* 124). Ghad-domanda: *"Jista' jemmen per ezempju li xi hadd ghaddielu d-droga?"* (*a fol.* 124), wiegeb: *"Iva wkoll"* (*a fol.* 124). Jghid li persuna bhal dan ikun jemmen f'hekk ghalkemm ma jkunx veru tant li meta gie mistoqsi mid-difiza jekk Cilia setghax jemmen li kien hemm iljunfant fl-awla, Dr. Spiteri wiegeb fl-affermativ. Dr. Spiteri kkonferma li dan huwa rizultat tal-psikozi.

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti mhijiex konvinta li dak li Dennis Cilia jsostni effettivament sehh u minkejja li l-Qorti tista' tispekula dwar jekk il-verzjoni moghtija minn Cilia hijiex veritjiera u dik tal-imputat mhijiex, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. In segwitu ta' dan kollu, il-Qorti ser ikollha tiskarta dak li qal Dennis Cilia. Isegwi ghalhekk li l-imputat ma jista' bl-ebda mod jinstab hati tal-ewwel erba' imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tieghu. Isegwi wkoll li

l-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tikkunsidra l-ahhar tlett imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat *stante* li l-liberazzjoni tal-imputat ghall-ewwel erba' imputazzjonijiet twassal ghal-liberazzjoni tieghu mill-imputazzjonijiet l-ohra.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti hi tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tilhaq il-grad ta' prova minnha rikjest u cioè li l-imputat huwa hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. B'hekk jirrizulta li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija ta' l-imputat u l-Qorti ghalhekk hija obbligata tillibera lill-istess imputat mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. Din il-konkluzjoni hi msahha bil-principju enuncjat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer** imsemmija aktar il-fuq.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Lineker David Micallef hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

______________________________

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

___________________________

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**